MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 77/2004

Benny Sammut .

vs

Direttur Registru Pubbliku (Ghawdex)

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi huwa jismu Benny Sammut u twieled fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar ta' l-elf disa' mija u disgha u erbghin (1949), liema twelid huwa registrat fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku Victoria, Ghawdex permezz ta' l-att numru mitejn u sebgha u tletin (237) tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (1994) .

Illi dan l-att ta' twelid relattiv ghat-twelid ta' l-attur huwa skorrett stante li fil-kolonna intestata 'Isem tal-wild' u 'Ismijiet moghtija' u 'Ismijiet li bihom se jissejjah il-wild', l-isem huwa ndikat bhala Benedict u mhux Benny .

Illi sa minn twelidu l-attur kien dejjem maghruf bhala Benny u baqa' b'dan l-isem sal-lum, anke fl-Awstralja fejn huwa domiciljat .

Illi l-attur ottjena d-debita korrezzjoni fl-isem tieghu minn Benedict ghal Benny, permezz ta' decizjoni mill-awtorita kompetenti fl-Awstralja kif jidher mill-anness certifikat dokument B . Illi dokumenti ufficjali bhalma huma l-passaport tieghu jgibu ismu bhala Benny (Dokument C) .

Illi minhabba din id-deskrapanza l-attur qed ikollu xi diffikultajiet ma' awtoritajiet .

Illi l-attur irid illi dan l-att ta' twelid tieghu jigi kkoregut b'mod illi ismu jkun konformi ma' dak illi verament huwa u ghalhekk huwa jrid illi l-isem ta' Benedict kull fejn jinkorri fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu u fuq l-att tat-twelid tieghu ghandu jigi kkoregut u sostitwit bl-isem Benny .

Talab lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti,

1. Tiddikjara l-att ta' twelid numru mitejn u sebgha u tletin (237) tas-sena elf disa' mija u erbghin (1949) huwa skorrett fis-sens kif fuq spjegat ;
2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-att ta' twelid numru mitejn u sebgha u tletin (237) ta' l-elf disa' mija u disgha u erbghin (1949) relattiv ghat-twelid ta' l-attur billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri l-isem Benedict dan ghandu jigi ssostitwit u miktub Benny .

Bl-ispejjez kollha u fl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess attur minnu konfermata bil-gurament .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni u cioe' bhala dokument 'A', certifikat tat-twelid ta' l-attur, bhala dokument 'B' korrezzjoni ottjenuta fl-Awstralja, u bhala dokument 'C', kopja tal-passaport tieghu .

Rat ukoll ir-riferta pozittiva tal-konvenut Direttur Tar-Registru Pubbliku li ggib id-data tad-dsatax (19) ta' Awissu, tas-sena elfejn u erbgha (2004) .

Innutat illi l-istess konvenut Direttur tar-Registru ghazel li jibqa' kontumaci .

Rat ukoll l-affidavit ta' Benny Sammut, epprezentat seduta stante llum stess, illi din jikkonferma l-kontenut tac-citazzjoni .

Il-Qorti, ghal hekk, u peress illi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddecidi l-istess kawza billi :

1. Tiddikjara li l-att tat-twelid numru mitejn u sebgha u tletin (237) tas-sena elf disa' mija disgha u erbghin (1949) huwa skorrett fis-sens kif indikat fic-citazzjoni, u

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid numru mitejn u sebgha u tletin (237) ta' l-elf disa' mija disgha u erbghin relattiv ghat-twelid ta' l-attur billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri l-isem Benedict dan ghandu jigi sostitwit u miktub Benny .

Minhabba n-natura ta' din il-kawza ma ghandux ikun hemm spejjez .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------